31989R2692

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2692/89
tas-6 ta' Settembru 1989
li jesiġi regoli dettaljati għall-esportazjoni ta' ross lejn Réunion

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1418/76 ta' l-21 ta' Ġunju 1976 dwar l-organiżazzjoni komuni tal-kummerċ tar-ross [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1806/89 [2], u partikolarment Artikolu 11a (6) u (27) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1676/85 tal-11 ta' Ġunju 1985 dwar il-valur ta' l-unità tal-kontijiet u r-rati tal-kambju li għandhom ikunu applikati għall-iskopijiet tal-politika komuni agrikola [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1636/87 [4], u partikolarment Artikolu 2(4) tiegħu,

Billi s-sussidji għandhom ikunu stabbiliti hekk li jkopru d-differenzi bejn il-kwotazzjoni u l-prezz tal-prodotti in kwistjoni fil-Komunità u fis-suq mondjali; billi għal dan il-għan huwa meħtieġ li jittieħed akkont tas-sitwazzjoni tal-forniment lejn il-gżira ta' *Réunion* u s-sitwazzjoni tal-prezz għal ross u ross imfarrak fis-suq mondjali u fil-Komunità;

Billi, in vista taċ-ċaqlieq konsiderevaoli matul perjodi ta' żmien fil-kwotazzjonijiet għal ross u ross miksur fis-suq mondjali u d-disparità bejn il-prezzijiet li fihom dawn il-prodotti jkunu offerti minn diversi pajjiżi f'dak is-suq, is-sussidju għandu jkun stabbilit, sabiex ikopri d-differenza bejn il-prezzijiet mondjali u l-prezzijiet fil-Komunità, akkont għandu jittieħed ta' l-ispejjeż tat-trasport, fuq il-bażi tad-differenzi bejn prezzijiet rappreżentattivi fil-Komunità u l-aktar kwotazjonijiet favorevoli fis-suq mondjali;

Billi l-arranġamenti speċjali esiġiti f'Artikolu 11a tar-Regolament (KEE) Nru 1418/76 għall-importazzjoni ta' ross fid-dipartiment barrani Franċiż ta' *Réunion* jinkludu, biex jassiguraw trattament ugwali, sussidju għal ross li jkun ġej minn Stati Membri; billi, sabiex tingħata stabbilità lill-esportaturi tal-Komunità fl-ammont ta' dan is-sussidju, disposizjoni għandha ssir sabiex dan ikun stabbilit bil-quddiem;

Billi l-ammont ta' sussidju stabbilit bil-quddiem għandu jkun soġġett għall-aġġustament skond il-limitu tal-prezz; billi aġġustament bħal dan ta' sussidju stabbilit bil-quddiem għal ross tip *pady* u ross parzjalment miħun jista jkun effetwat biss bl-applikar tar-rati wżati biex ikunu ikkonvertiti valuri li għandhom x'jaqsmu ma' kwantità ta ross mgħaffeġ jew ross miħun fil-valur li jappartieni lill-istess kwantità ta' ross fi stadju ieħor ta' l-ipproċessar; billi r-rati wżati għandhom ikunu dawk esiġiti f'Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 467/67/KEE tal-Kummissjoni tal-21 t'Awissu 1967 li jistabilixxi r-rati tal-kambju, l-ispejjeż ta' l-ipproċessar u l-valur tal-prodotti sekondarji għad-diversi stadji ta' l-ipproċessar tar-ross [5], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2325/88 [6];

Billi, sabiex ikun evitat tgħawwiġ fil-kompetizjoni bejn operaturi fil-varji Stati Membri dwar il-kambju tal-munita nazzjonali ta' l-ammont ta' sussidju stabbilit f'ECU, ir-rati wżati għandhom ikunu dawk esiġiti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3294/86 tad-29 ta' Ottubru 1986 li jistabilixxi r-rati tal-kambju li għandhom ikunu applikati f'dak li għandu x'jaqsam ma imposti u rifużjoni fis-settur tar-ross [7], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2654/89 [8], u fil-każ operattiv ta' l-applikar tar-rata għandu jkun speċifikat, akkont għandu jittieħed ta' l-arranġamenti eċċezzjonali applikabbli għal gżira ta' *Réunion*;

Billi Artikolu 11a (4) tar-Regolament (KEE) Nru 1418/76 jipprovdi li sussidju jista, jekk xieraq, ikun stabbilit bil-proċedura ta' appalti;

Billi regoli dettaljati għal din il-proċedura ta' appalti għandhom ikunu esiġiti;

Billi, sabiex ikun assigurat trattament ugwali għall-partijiet kollha nteressati fil-Komunità, stedin għall-appalti għandhom ikunu organiżżati bi qbil ma' prinċipji uniformi; billi għal dan il-għan, pubblikazjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* ta' deċiżjoni li tirrigwardja l-ftuħ ta' stedina għall-appalti għandha tkun akkumpanjata b'avviż ta' stedina għall-appalti;

Billi l-iskop li jkun stabbilit sussidju permezz ta' stedina għall-appalti huwa li jippermetti amministrazjoni aħjar tal-forniment; billi għal dan il-għan huwa essenzjali li l-appalti jinkludu l-informazzjoni meħtieġa biex dawn ikunu assessjati u jkun akkumpanjati b'ċerti mpenji formali;

Billi sussidju massimu għandu jkun stabbilit; billi dan il-metodu jgħin biex kuntratti jkunu mgħotija f'dak li għandu x'jaqsam mal-kwantitajiet ikkonċernati;

Billi jista jkun hemm sitwazzjonijiet tas-suq li fihom ikun ċar mill-eżami ta' l-aspetti ekonomiċi ta' l-esportazzjoni proposti li minflok li tistabilixxi sussidju l-Kummissjoni m'għandiex tgħati aktar minnhom;

---

[1] ĠU L 166, tal-25.6.1976, p. 1.
[2] ĠU L 177, ta' l-24.6.1989, p. 1.
[3] ĠU L 164, ta' l-24.6.1985, p. 1.
[4] ĠU L 153, tat-13.6.1987, p. 1.
[5] ĠU C 204, ta' l-24.8.1967, p. 1.
[6] ĠU L 202, tas-27.7.1988, p. 41.
[7] ĠU L 304, tat-30.10.1986, p. 25.
[8] ĠU L 255, ta' l-1.9.1989, p. 62.

Billi, sabiex ikun assigurat li d-dokument tas-sussidju maħruġ meta l-kuntratt ikunu ingħata jkun użat meta l-fornitura tkun saret, garanzija ta' l-appalti għandha tkun meħtieġa; billi din l-obligazzjoni ma tistax tkun milħuqha sakemm l-offerta sottomessa tkun miżmuma; billi jekk din tkun irtirata l-garanzija għalhekk tkun mitlufa;

Billi proċeduri għandhom ikunu esiġiti dwar il-komunikazzjoni ma' dawk li jitfgħu l-offerti dwar l-eżitu ta' l-istedina biex jitfgħu l-offerti u wkoll dwar il-ħruġ tal-liċenza meħtieġa għall-esportazzjoni tal-kwantitajiet mgħotija;

Billi prodotti koperti b'Artikolu 11a (4) tar- Regolament (KEE) Nru 1418/76 għandhom destinazzjoni speċifiċi; billi dawn għandhom għalhekk ikunu akkumpanjati sa l-uffiċċju doganali kompetenti ta' *Réunion* minn kopja ta' kontroll T5 li hemm dispożizzjoni dwarha fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2823/87 tat-18 ta' Settembru 1987 fuq id-dokumenti li għandhom ikunu wżati għall-iskop ta' l-implementazzjoni ta' miżuri tal-Komunità li jinħtieġu verifika ta' l-użu u/jew id-destinazzjoni ta' l-oġġetti ([1]);

Billi huwa ċar minn Artikolu 11a (1) tar-Regolament (KEE) Nru 1418/76 li ross jista jkun importat permezz tad-dispożizzjonijiet ta' dak l-Artikolu biss jekk intenzjonat għal konsum fuq il-gżita ta' *Réunion*; billi s-sussidju m'għandux ikun iggarantit għal ross mhux hekk użat; billi l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom aktar minn hekk ikunu awtoriżżati biex jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa ta' superviżjoni biex jassiguraw li r-ross impurtat minn pajjiżi li ma humiex membri jew imwassal minn Stati Membri permezz ta' l-imsemmija dispożizzjoni ma jkunx esportat mill-ġdid;

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 4142/87 tad-9 ta' Diċembru 1987 jiddetermina il-kondizzjonijiet li bihom ċerti oġġetti huma eliġibbli ma' l-importazjoni għal arranġamenti ta' tariffa favorevoli minħabba l-użu finali tagħhom ([2]) fih dispożizzjonijiet li ma humiex adattati għal każ speċjali tal-prodotti li hemm riferenza dwarhom f'Artikolu 11a tar-Regolament (KEE) Nru 1418/76; billi dispożizzjonijiet adottati għas-sitwazzjoni speċjali ta' dawn il-prodotti għandhom għahekk ikunu nklużi f'dan ir-Regolament;

Billi in vista ta' dan ir-Regolament tal-Kummissjoni Regolament (KEE) Nru 1031/78 tad-19 ta' Mejju 1978 jesiġi regoli dettaljati għall-importazzjoni ta' ross f'*Réunion* ([3]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1315/89 ([4]) għandu jkun imħassar;

Billi l-miżuri li hemm dispożizzjoni dwarhom f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għaċ-Ċereali,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Dan ir-Regolament jesiġi regoli dettaljati għall-applikar tad-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 11a tar-Regolament (KEE) Nru 1418/76.

([1]) ĠU L 270, tat-23.9.1987, p. 1.
([2]) ĠU L 387, tal-31.12.1987, p. 81.
([3]) ĠU L 132, ta' l-20.5.1978, p. 72.
([4]) ĠU L 131, tat-13.5.1989, p. 48.

IT-TITOLU I

SUSSIDJU

Sezzjoni 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 2

Is-sitwazzjoni eżistenti u l-futur ta'

— prezzijiet tar-ross u d-disponibilità ta' fornimenti fis-suq tal-Komunità,

— ħtiġijiet ta' fornimenti tas-suq fuq il-gżira ta' *Réunion*,

— prezzijiet tar-ross fis-suq mondjali, għandhom jittieħdu f'akkont għall-istabbilar tas-sussidju.

Artikolu 3

L-ammont tas-sussidju għandu jkun stabbilit b'riferenza għal dawn il-fatturi speċifiċi li ġejjin:

(a) kwotazzjonijiet u prezzijiet tas-swieq rappreżentattivi ta' l-esportazjoni fil-Komunità;

(b) il-kwotazzjoni u l-prezzijiet l-aktar favorevoli fi Stati li ma humiex membri li jesportaw lejn is-suq dinji;

(ċ) spejjeż tas-suq u l-spejjeż l-aktar favorevoli tat-trasport mis-swieq tal-Komunità lejn il-portijiet li jservu s-suq fil gżira ta' *Réunion*;

(d) jekk meħtieġ, l-ispejjeż tat-trasport lejn *Réunion*.

Artikolu 4

1. L-ammont tas-sussidju pagabbli għandu jkun dak applikat għal prodott f'dak il-każ fil-jum ta' l-aċċettazjoni tad-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni lejn *Réunion*.

2. B'dana kollu, fuq talba tal-parti nteressata ippreżentata flimkien ma l-applikazjoni għad-dokument speċifikat f'Artikolu 13(1), is-sussidju applikabbli fil-jum li fih l-applikazzjoni tkun ippreżentata, aġġustat skond il-prezz ta' riferenza in vigore ma' tul ix-xahar tal-fornitura, għandu jkun mgħoti ma' l-esportazzjoni li tkun effettwata ma' tul il-perjodu ta' validità ta' l-imsemmi dokument.

3. Billi s-sussidju stabbilit bil-quddiem għal ross tat-tip *paddy* jew parzjalment mitħun l-aġġustament imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jkun magħmul billi jintużaw ir-rati tal-kambju esiġiti f'Artikolu 1 tar- Regolament Nru 467/67/KEE.

Artikolu 5

1. Il-kambju ta' l-ammont tas-sussidju fil-munita nazzjonali għandu jsir bir-rata speċifika tal-kambju għall-agrikoltura esiġit bir-Regolament (KEE) Nru 3294/86.

2. Id-data operattiva għal kambju ta' l-ammont tas-sussidju mill-munita nazzjonali għandha tkun

— fil-każi meta l-ammont ikun stabbilit bil-quddiem, il-jum li fih din l-applikazzjoni għall-istabbilizzar bil-quddiem tkun saret,

— f'każi meta l-istabbilizzar bil-quddiem permezz ta' proċedura ta' appalti, l-aħħar jum għas-sottomissjoni ta' l-offerti.

Sezzjoni 2

Proċedura ta' l-appalti

Artikolu 6

1. Id-dispożizzjonijiet ta' din is-sezzjoni għandhom ikunu applikabbli għas-sussidju bi proċedura ta' appalti.

2. Il-proċedura esiġita f'Artikolu 27 tar-Regolament (KEE) Nru 1418/76 għandha tkun wżata għal deċiżjonijiet li jinfetħu l-istediniet ta' l-appalti u dawk id-deċiżjonijiet għandhom jesiġu t-termini ta' l-istedina. It-termini għandhom jiggarantixxu aċċess ugwali għal persuni kollha stabbiliti fil-Komunità u jistgħu ikunu esiġiti għal perjodu speċjali ta' validità għad-dokument ta' sussidju li hemm riferenza dwaru f'Artikolu 13 li għandu jkun maħruġ minn dak jew dawk li jippreżentaw l-offerta aċċettata.

3. Il-ftuħ ta' l-istedina għall-appalt għandu jkun akkumpanjat b'avviż ta' invit għall-appalt imħejjiji mill-Kummissjoni. Dan l-avviż għandu jinkludi *inter alia* partikolaritajiet tad-dati varji għas-sottomissjoni ta' l-offerti u ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri li lilhom dawn l-offerti għandhom ikunu indirizzati. Jista wkoll jindika il-kwantità totali li dwarha sussidju jista jkun iggarantit. Bejn il-pubblikazjoni ta' l-imsemmi avviż u l-ewwel data stabbilità għas-sottomissjoni ta' l-offerti, għandu jitħalla perjodu ta' mill-anqas 10 ijiem. Dan l-avviż għandu wkoll jindika id-data ta' l-għeluq għas-sottomissjoni ta' l-offerti.

4. Kemm id-deċiżjoni biex jinfetħu l-istediniet ta' l-offerti li hemm riferenza dwarhom fil-paragrafu 2 u l-avviż ta' l-istedina għall-offerti li hemm riferenza dwarhom fil-paragrafu 3 għandhom ikunu ippublikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 7

1. L-offerti, li għandhom ikunu magħmula bil-miktub, jistgħu jew ikunu imwassla personalment lill-awtorità kompetenti u li għalihom tingħata riċevuta jew jintbgħatu lil dik l-awtorità b'ittra reġistrata jew telekomunikazjoni.

2. L-offerta għandha tindika:

(a) l-istedina li għaliha tirreferi l-offerta:

(b) l-isem sħieh u l-indirizz ta' min jgħamel l-offerta;

(ċ) in-natura u l-kwantità ta' kull prodott li sejjer ikun esportat;

(d) l-ammont ta' sussidju propost f'ECU għal kull tunnelata.

3. L-offerta tkun valida biss jekk:

(a) qabel jiskadi l-limitu taż-żmien għas-sottomissjoni ta' l-offerti, prova tkun fornuta li dak li jagħmel l-offerta jkun ippreżenta l-garanzija ta' l-offerta esiġita meta l-proċedura ta' l-offerti kienet ġiet miftuħa;

(b) tkun akkumpanjata minn obligu bil-miktub li tkun ippreżentata l-kwantità mgħotija, fi żmien jumejn minn meta jirċievi l-avviż ta' l-għoti li hemm riferenza dwaru f'Artikolu 10, applikazzjoni għad-dokument li hemm riferenza dwaru f'Artikolu 13(1) akkumpanjat minn applikazzjoni għal stabbilizzar bil-quddiem ta' sussidju ta' l-ammont offrut.

4. Offerta li ma tkunx bi qbil mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, jew li jkun fiha termini oħrajn apparti dawk indikati fl-avviż ta' l-istedina għall-offerti, m'għandiex tkun ikkunsidrata.

5. La darba offerta tkun ġiet ippreżentata din ma tistax tkun irtirata. Id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 13(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3719/88 [1], m'għandhomx ikunu applikabbli.

Artikolu 8

1. L-offerti għandhom ikunu eżaminati f'sessjoni privata ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri. Persuni preżenti waqt l-eżami għandhom ikunu taħt obligu li ma jikxfux xi partikolaritajiet marbuta magħhom.

2. L-offerti għandhom ikunu ikkomunikati f'għamla anonima mingħajr dewmien lill-Kummissjoni.

Artikolu 9

1. Fuq il-bażi ta' l-offerti sottomessi, l-Kummissjoni, taġixxi skond il-proċedura esiġita f'Artikolu 27 ta' Regolament (KEE) Nru 1418/76 għandha tiddeċiedi jew li tistablixxi s-sussidju massimu, wara li tkun ikkunsidrat partikolarment il-kriterji esiġiti f'Artikoli 2 u 3 ta' dan ir-Regolament, jew li tagħmel l-għotja.

2. Jekk il-massimu tas-sussidju jkun stabbilit, kuntratt għandu jingħata lil dak li jagħmel l-offerta li tindika sussidju ugwali għal jew anqas mill-ammont massimu.

Artikolu 10

L-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru kkonċernat għandha, malli l-Kummissjoni tkun laħqet deċiżjoni permezz ta' Artikolu 9(1), tinnotifika bil-miktub lill-dawk kollha li jkunu tefgħu l-offerta bl-eżitu tal-parteċipazzjoni tagħhom fil-proċedura ta' l-appalt.

Artikolu 11

Il-garanzija ta' l-offerti li hemm riferenza dwarha f'Artikolu 7(3)(a) għandha tkun rilaxxjata jekk l-offerta ma tkunx aċċettata.

Il-ħtigijiet primarji kif definiti f'Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2220/85 [2] għandhom ikunu:

— il-manteniment ta' l-offerta

— il-preżentazzjoni fil-limiti taż-żmien esiġiti, ta' l-applikazzjoni li hemm riferenza dwarha f'Artikolu 7(3)(b) u tal-garanzija ielevanti li hemm riferenza dwarha f'Artikolu 13(9).

[1] ĠU L 331, tat-2.12.1988, p. 1.
[2] ĠU L 205, tat-3.8.1985, p. 5.

Artikolu 12

Basta li dak li jkun tefgħa l-offerta u jkun ġie magħżul ikun ippreżenta l-applikazjoni għad dokument tas-sussidju li hemm riferenza dwaru f'Artikolu 13(1) fil-limitu ta' żmien esiġit, dak id-dokument għandu jkun maħruġ għall-kwantitajiet li dwarhom il-kuntratt ikun ingħata. F'każi ta' forza maġġuri l-limitu taż-żmien jista jiġi mtawwal.

IT-TITOLU II

KONRTOLL

Artikolu 13

1. L-għoti tas-sussidju għandu jkun ikkondizzjonat bis-sottomissjoni ta' dokument imsejjaħ "dokument tas-sussidju".

Id-dokument għandu jkun validu fil-Komunità kollha. Għandu jkun maħruġ lill-partijiet li jitolbuh, independentement mill-lokalità ta' l-istabbiliment tagħhom fil-Komunità. Il-ħruġ tad-dokument għandu jkun ikkondizzjonat fuq il-preżentazjoni tal-garanzija li tiggarantixxi li impenn ta' l-esportazzjoni lejn il-gżira ta' *Réunion* matul il-perjodu ta' validità tad-dokument. It-twettieq ta' dan l-impenn għandu jkun il-ħtieġa ewlenija kif definita f'Artikolu 20 tar-Regolament (KEE) Nru 2220/85.

2. Dawn id-dispożizzjonijiet li ġejjin tar- Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3719/88 għandhom japplikaw b'analogija għad-dokument tas-sussidju:

— Artikoli 9, 10 u 11,

— Artikoli 13 sa 16,

— Artikolu 18

— Artikoli 20 u 21 (1),

— Artikoli 24 sa 28,

— Artikoli 36, 37 u 38.

3. Jekk il-kwanità esportata tkun anqas mill-kwantità ndikata fid-dokument tas-sussidju b'mhux aktar minn 7 % l-obligazzjoni ta' l-esportazzjoni għandha tkun meqjusa li tkun ġiet sodisfatta. Jekk il-kwantità esportata teċċedi l-kwantità ndikata fid-dokument b'mhux aktar minn 5 % għandha tkun meqjusa li tkun ġiet esportata skond it-termini tad-dokument.

4. Id-dokument tas-sussidju għandu jkun imħejji mill-anqas f'żewġ kopji. L-ewwel kopja, imsejħa "il-kopja tad-detentur" u mmarkata "Nru 1" għandha tkun maħruġa mingħajr dewmien lill-applikant u t-tieni, imsejħa "kopja ta" l-aġenzija tal-ħruġ' i mmarkata "Nru 2", għandha tinżamm mill-aġenzija tal-ħruġ. Il-kopja Nru 1 u d-dokument tas-sussidju għandhom jiġu ppreżentati lill-uffiċċju fejn id-dikjarazjoni għall-esportazjoni lejn *Réunion* tkun ġiet aċċettata. Wara li tkun attribwita l-kwantità u l-konferma minn dak l-uffiċċju, kopja Nru 1 tad-dokument tas-sussidju għandha tintbgħat lura lill-parti kkonċernata.

5. Prova ta' l-esportazzjoni għandha tkun fornuta bil-produzzjoni ta' kopja Nru 1 u tad-dokument tas-sussidju u fejn xieraq, ta' kopja Nru 1 ta' l-estratt jew estratti mid-dokumenti tas-sussidju ikkonfermati bi qbil mal-paragrafu 4.

6. Mingħajr preġudizzju għal Artikoli 36 u 37 tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88, jekk l-obligazzjoni ta' l-esportazzjoni ma tkunx ġiet imwettqa, l-garanzija għandha tkun mitlufa għall-ammont tad-differenza bejn:

(a) 93 % tal-kwantità netta indikata fid-dokument tas-sussidju, u

(b) il-kwantità netta attwalment esportata.

B'dana kollu, jekk il-kwantità netta tammonta għal anqas minn 7 % tal-kwantità netta indikata fid-dokument tas-sussidju, il-garanzija kollha għandha tkun mitlufa. Aktar minn hekk, jekk l-ammont ta' garanzija li għandu jkun mitluf ikun ta' anqas minn ECU 5 għad-dokument tas-sussidju, l-Istat Membru jista jirrilaxxja l-garanzija kollha. Fuq applikazzjoni mid-detentur tad-dokument, Stat Membru jista jirrilaxxja l-garanzija fi tħassir *pro rata* tal-kwantitajiet ta' prodotti li dwarhom il-prova li hemm riferenza dwarha fil-paragrafu 5 tkun ġiet fornuta, soġġett għal prova li kwantità ugwali ta' mill-anqas 7 % tal-kwantità netta indikata fid-dokument tas-sussidju tkun ġiet esportata.

Jekk il-prova li hemm riferenza dwarha fil-pargrafu 5 ma tkunx, għal raġunijiet ta' forza maġġuri, ġiet fornuta fi żmien sitt xhur mill-jum li fih id-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni tkun ġiet aċċettata, l-garanzija għandha tkun mitlufa.

7. L-applikazzjoni għal dokument tas-sussidju u d-dokument innifsu għandha tinkludi fis-Sezzjoni 20 waħda minn dawn il-konfermi li ġejjin li għandhom jinkitbu bl-aħmar jew b'rig taħthom miġbud bl-aħmar:

— Documento de subvención para el arroz: Reunión - artículo 11 bis del Reglamento (CEE) no 1418/76

— Tilskudsdokument ris Réunion - artikel 11a i forordning (EØF) nr. 1418/76

— Subventionsdokument Reis Réunion - Artikel 11a der Réunion (EWG) Nr. 1418/76

— Έγγραφο επιδότησης για το ρύζι που απυστέλλεται στη Réunion — Αρθρο 11 κανονισμού (ΕΟΚ) αριθ. 1418/76

— Subsidy document for rice: Réunion - Article 11a of Regulation (EEC) No 1418/76

— Document de subvention riz: Réunion - article 11 bis du règlement (CEE) no 1418/76

— Documento di sovvenzione riso: Riunione - articolo 11 bis del regolamento (CEE) n. 1418/76

— Subsidiebewijs rijst Réunion - artikel 11 bis van Verordening (EEG) nr. 1418/76

— Documento de subvenção arroz Reunião - n° 11°A do Regulamento (CEE) n° 1418/76.

Sezzjoni 22 għandha tkun fiha wieħda minn dawn il-kitbiet:

— Subvención para el arroz de Reunión fijada por anticipado el... (fecha de presentación de la solicitud del documento)

— Tilskud ris Réunion forudfastsat den... (dato for indgivelsen af ansoegningen om dokumentet)

— Subvention Reis Réunion, im voraus festgesetzt am... (Eingangsdatum des Antrags fuer das Dokument)

— Επιδότηση για το ρύζι που αποστέλλεται στη Réunion και έχει προκαθοριοθεί στις … (ημερομηνία υποβολής της αίτησης για το έγγραφο)

— Rice subsidy Réunion fixed in advance on... (date on which the application for the document was lodged)

— Subvention riz Réunion préfixée le... (date du dépôt de la demande du document)

— Sovvenzione riso Riunione prefissata il... (giorno in cui è stato richiesto il documento)

— Subsidie rijst Réunion vooraf vastgesteld op... (datum waarop de aanvraag van het bewijs is ingediend)

— Subvenção arroz Reunião fixada antecipadamente em... (data de apresentação do pedido do documento).

L-intestatura tal-liċenza ta' l-esporazjoni jew ċertifikat li jistabbilixxi bil-quddiem u Sezzjoni 21 għandhom ikunu maqtuha barra bl-aħmar.

8. Id-dokument tas-sussidju għandu jkun validu mid-data tal-ħruġ tiegħu kif definit f'Artikolu 21(1) tar- Regolament (KEE) Nru 3719/88 sat-tmiem tat-tielet xahar wara dik id-data.

9. Ir-rata tal-garanzija li hemm riferenza dwarha fil-paragrafu 1 għandha tkun ta' ECU 30 kull tunnellata.

Artikolu 14

1. Sabiex jibbenefikaw mis-sussidju, il-partijiet interessati għandhom:

— jiddikjaraw meta d-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni lejn *Réunion* tkun aċċettata, l-intenzjoni tagħhom li jibbenefikaw mis-sussidju,

— ifornu prova li l-produzzjoni f'dak il-każ tkun ġiet rilaxxjata għal konsum f'Reuniom matul it-tnax il-xahar mid-data ta' l-aċċettar tad-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni.

2. Il-prova li hemm riferenza dwarha fit-tieni inċiż tal-paragrafu 1 għandha tkun fornuta bil-preżentazzjoni tal-kopja tal-kontroll T5 li hemm riferenza dwarha f'Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 2823/87.

Fost il-konfermi speċjali fuq il-kopja ta' kontroll, dawn li ġejjin għandhom ikunu mimlija:

(a) sezzjonijiet 33 u 103;

(b) sezzjoni 104 għandha tkun annotata kif xieraq u waħda minn dawn il-konfermi għandha tkun miżjuda:

— Destinado al consumo en la Reunión - artículo 11 bis del Reglamento (CEE) no 1418/76

— Bestemt til at overgaa til frit forbrug paa Réunion - artikel 11a i forordning (EØF) nr. 1418/76

— Bestimmt zur UEberfuehrung in den freien Verkehr in Réunion - Artikel 11a der Verordnung (EWG) Nr. 1418/76

— Προορίζεται για κατανάλωση στη Réunion — άρθρο 11α του κανονισμού (ΕΟΚ) αριθ. 1418/76

— To be released for consumption in Réunion - Article 11a of Regulation (EEC) No 1418/76

— Destiné à être mis à la consommation à la Réunion - article 11 bis du règlement (CEE) no 1418/76

— Destinato ad essere immesso in consumo nel dipartimento francese d'oltremare della Riunione - articolo 11 bis del regolamento (CEE) n. 1418/76

— Bestemd voor invoer tot verbruik in Réunion - artikel 11 bis van Verordening (EEG) nr. 1418/76

— Destinado a ser colocado no consumo na Reunião - artigo 11° A do Regulamento (CEE) n° 1418/76;

(ċ) Sezzjoni 106, b'waħda minn dawn kif xieraq:

— Subvención para el arroz de Reunión aplicable el... (fecha de aceptación de la declaración de expedición)

— Tilskud til ris for Réunion gaeldende den... (dato for antagelsen af angivelsen om forsendelse)

— Subvention Reis Réunion, anwendbar am... (Tag der Annahme der Lieferungserklaerung)

— Επιδότηση για το ρύζι Réunion που εφαρμόζεται στις … (ημερομηνία αποδοχής της δήλωσης αποστολής)

— Réunion rice subsidy applicable on.... (date of acceptance of declaration of exportation)

— Subvention riz Réunion applicable le... (date de l'acceptation de la déclaration d'expédition)

— Sovvenzione riso Riunione applicabile il... (giorno dell'accettazione della dichiarazione di spedizione)

— Subsidie rijst Réunion van toepassing op... (datum van aanvaarding van de aangifte tot verzending)

— Subvenção arroz Reunião aplicável em... (data de admissão da declaração de expedição)

jew

— Subvención para el arroz de Reunión fijada por anticipado el... (fecha de fijación anticipada)

— Tilskud for ris Réunion forudfastsat den... (dato for forudfastsaettelsen)

— Subvention Reis Réunion, im voraus festgesetzt am... (Tag der Vorausfestsetzung)

— Επιδότηση για το ρύζι Réunion που έχει προκαθοριοθεί στις … (ημερομηνία προκαθορισμού)

— Réunion: Rice subsidy Réunion fixed in advance on.... (date of advance fixing)

— Subvention riz Réunion préfixée le... (date de préfixation)

— Sovvenzione riso Riunione prefissata il... (giorno della prefissazione)

— Subsidie rijst Réunion vooraf vastgesteld op... (datum van de vaststelling vooraf)

— Subvenção arroz Reunião fixada antecipadamente em... (data da fixação antecipada).

L-uffiċċju doganali kompetenti f' Réunion għandu jimla sezzjoni J 'Kontroll dwar l-użu u/jew destinazzjoni' meta d-dikjarazzjoni għal dħul għal konsum tkun aċċettata.

Artikolu 15

1. Is-sussidju għandu jkun mgħoti biss lill-prodotti ta' kwalità kummerċjabbli tajba u ġusta.

Jekk il-ħtiġijiet tal-kwalità li hemm riferenza dwarhom fl-ewwel subparagrafu jinstab li ma jkunux ġew milħuqa meta d-dikjarazzjoni għal rilaxx għal konsum f'*Réunion* tkun aċċettata, din il-kitba ta' konferma għandha tinkiteb taħt "Rimarki" fis-sezzjoni J tal-kopja tal-kontroll li hemm riferenza dwarha f'Artikolu 14:

— Producto que no se ajusta a las condiciones requeridas en una cantidad de... (señalar la cantidad en kilogramos, expresados en cifras y en letras)

— Produkt, som ikke opfylder betingelserne for en maengde paa... (angivelse af maengden i kilo med tal og bogstaver)

— Erzeugnis nicht konform fuer eine Menge von... (Menge in kg in Zahlen und Buchstaben)

— Προϊόν μη σύμφωνο για ποσότητα … (σημειώνεται η ποσότητα σε χιλιόγραμμα, αριθμητικώς και ολογράφως)

— (Number of kilograms, in letters and figures) not in accordance with specification.

— Produit non conforme pour une quantité de... (indiquer la quantité en kilogrammes en chiffres et en lettres)

— Prodotto non conforme ai requisiti qualitativi per una quantità pari a... kg (indicare la quantità in cifre ed in lettere)

— Produkt niet conform voor een hoeveelheid van... kg (hoeveelheid vermelden in cijfers en in letters)

— Produto não conforme para uma quantidade de... (indicar a quantidade em quilogramas, em algarismos e por extenso).

2. Is-sussidju għandu jingħata biss lill-prodotti li jkun fihom, bl-esklużjoni ta' xi prodott ieħor, perċentwali tal-prodott li dwaru l-applikazjoni għal sussidju tkun saret, ta' mhux anqas minn 95 %.

B'dana kollu, jekk il-prodott ikkonsenjat ikun fih ross miksur tal-kodiċi CN 1006 40 00 is-sussidju għandu jkun imnaqqas kif ġej:

Perċentwali ta' ross miksur	Tnaqqis ta' sussidju (%)
0 sa 5	0
aktar minn 5 sa 10	4
aktar minn 10sa 15	6
aktar minn 15 sa 20	8
aktar minn 20 sa 30	15
aktar minn 30 sa 40	30

Is-sussidju għandu jitħallas biss fuq talba bil-miktub mill-parti konċernata mill-Istat Membru li fit-territorju tiegħu id-dikjarazzjoni għall-esportazzjoni lejn *Réunion* tkun ġiet aċċettata. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal formula speċjali għal dan il-għan.

Ħlief fil-każ ta' forza maġġuri, d-dritt għas-sussidju għandu jintilef, sakemm il-file tal-pagament tas-sussidju ma jkux ġie ippreżentat fi żmien tnax il-xahar mil-jum li fih il-formalitajiet doganali ta' l-esportazzjoni jkunu ġew imwettqa.

3. Jekk il-kopja ta' kontroll T5, bħala riżultat ta' ċirkostanzi li fuqhom il-parti nteressata ma jkollhiex kontroll, ma tkunx mibgħuta lura lejn l-uffiċċju doganali tat-tluq jew lejn korp ċentrali fi żmien tlett xhur mid-data li biha tkun inħarġet, il-parti nteressata tista tagħmel applikazzjoni lill-awtorità kompetenti biex dokumenti oħra jkunu aċċettati bħala ekwivalenti, u tforni dokumenti ta' sostenn. Dawn għandhom jikkludu il-konferma, mill-uffiċċju doganali ta' fejn tkun ġiet aċċettata id-dikjarazzjoni għal rilaxx għal konsum, li r-rilaxx għal konsum ikun fil-fatt seħħ.

Artikolu 16

1. fuq talba mill-esportatur, l-Istat Membru għandu jgħati l-ammont tas-sussidju kollu jew parti minnu ma' l-aċċettazjoni tad-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni tal-prodotti lejn *Réunion*, basta li garanzija tkun ġiet ippreżentata bil-quddiem b'żieda ta' 15 %. Stati Membri jistgħu jesiġu t-termini li bihom l-applikazzjoni tista ssir għal għoti ta' parti mis-sussidju.

2. Jekk l-ammont mgħoti jkun akbar minn dak attwalment dovut dwar il-konsenja f'dak il-każ, l-esportatur għandu jirrifondi id-differenza miżjuda b'15 %.

B'dana kollu, jekk minħabba forza maġġuri l-prova meħtieġa ma tkun tista tiġi fornuta, il-15 % żieda m'għandiex tkun irkuprata.

Artikolu 17

Għal prodotti rilaxxati għal konsum f' *Réunion* bi qbil ma' l-aħħar subparagrafu ta' Artikolu 14(2)

— jew bil-benefiċċju ta' Artikolu 11a (2) jew (3) tar-Regolament (KEE) Nru 1418/76,

— jew akkumpanjata bil-kopja ta' kontroll li hemm riferenza dwarha f'Artikolu 14,

l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu l-miżuri kollha ta' kontroll biex jassiguraw li:

(a) il-verifika li hemm riferenza dwarha f'Artikolu 15(1) tkun ġiet imwettqa kif xieraq mill-awtoritajiet doganali fuq il-ġżira ta' *Réunion*;

(b) il-prodotti li hemm riferenza dwarhom f'Artikolu 11a tar- Regolament (KEE) Nru 1418/76 ma jkunux jistgħu jiġu esportati mill-ġdid minn *Réunion*, la lejn Stati li ma humiex membri u anqas lejn parti tal-Komunità, sakemm prova tkun ġiet fornuta li għal prodotti f'dak il-każ is-sussidju jkun ġie mħallas lura jew li l-imposta normali li hemm riferenza dwarha f'Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament, tkun ġiet miġbura.

Dawn il-miżuri għandhom jinkludu verifiki fiżiċi mingħajr avviż minn qabel.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bil-miżuri meħudha u bil-proċeduri għall-irkupru ta' sussidji mħallsa ħażin jew imposti mhux miġbura.

Artikolu 18

1. Stati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni:

— kuljum, bil-kwantitajiet ta' prodotti li dwarhom id-dokumenti tas-sussidju li hemm riferenza dwarhom f'Artikolu 13 kienu ġew applikati matul ix-xahar preċedenti, jindikaw dawn il-kwantitajiet bis-subintestatura tan-nomenklatura maħquda.

— kull xahar, bil-kwantitajiet li dwarhom talba għal pagament tas-sussidju li hemm riferenza dwarha f'Artikolu 11a (4) tar-Regolament (KEE) Nru 1418/76 kienet ġiet ippreżentata, jindikaw dawn il-kwantitajiet bis-subintestatura tan-nomenklatura magħquda.

2. Franza għandha tinforma lill-Kummissjoni kull xahar bil-kwantitajiet ta' prodotti rilaxxjati għal konsum, matul ix-xahar preċedenti, f'*Réunion*, bil-benefiċju ta' Artikolu 11a (2) jew (3) ta' Regolament (KEE) Nru 1418/76, tindika dawk il-kwantitajiet bis-subintestatura tan-nomenklatura magħquda.

Artikolu 19

Ir-Regolament (KEE) Nru 1031/78 huwa mħassar.

Artikolu 20

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-6 ta' Settembru 1989.

Għall-Kummissjoni

Ray MAC SHARRY

Membru tal-Kummissjoni